**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2019 – Hilfe zur Selbsthilfe vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-335/17)** [1]

***(Klawżola ta' arbitraġġ – Food Security Promotion for very food insecure farming households in Zimbabwe (ECHO/ZWE/BUD/2009/02002) – Riklassifikazzjoni tar-rikors – Rapporti tal-awditjar – Rapport ta' awditjar tal-Qorti tal-Awdituri – Rapport tal-OLAF – Rimbors ta' somom imħallsa – Proporzjonalità – Aspettattivi leġittimi)***

(2019/C 432/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Help – Hilfe zur Selbsthilfe eV (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment V. Jungkind u P. Cramer, sussegwentement V. Jungkind u F. Geber, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Aresu, K. Blanck u A. Katsimerou, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u li hija intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ARES (2017) 1515573, tal-21 ta' Marzu 2017, li titlob ir-rimbors ta' parti mill-ammont tas-sussidju mogħti favur il-proġett ta' għajnuna ECHO/ZWE/BUD/2009/02002, kif ukoll it-talba għal ħlas ibbażata fuq dik id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, it-talba skont l-Artikolu 272 TFUE sabiex tikkundanna lill-Kummissjoni tirrimborsa s-somma ta' EUR 643 627,72 mħallsa mir-rikorrenti lill-Kummissjoni, konformement mad-deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2017 kif ukoll it-talbiet għall-ħlas tas-7 ta' April u tal-5 ta' Settembru 2017.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Help – Hilfe zur Selbsthilfe eV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 239, 24.7.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2019 – Rubik's Brand vs EUIPO – Simba Toys (Forma ta' kubu b'uċuħ li għandhom struttura ta' gradilja)**

**(Kawża T-601/17)** [1]

***("Trade mark Komunitarja – Proċedura għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark Komunitarja tridimensjonali – Forma ta' kubu b'uċuħ li għandhom struttura ta' gradilja – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Artikolu 7(1)(e)(iii) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament 2017/1001) – Sinjal kompost esklużivament mill-forma tal-prodott meħtieġa għall-ksib ta' riżultat tekniku – Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001) – It-tieni sentenza tal-Artikolu 75(1) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar it-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001) – Artikolu 65(6) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 72(6) tar-Regolament 2017/1001)")***

(2019/C 432/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rubik's Brand Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Szamosi u M. Borbás, avukati)